MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2011

Numru. 775/2011

PULIZIJA
SPETTUR MALCOLM BONDIN
VS
KARL BORG

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Karl Borg, iben Mario u Emelda nee' Spiteri, mwieled Pieta, nhar il-5 t'Awissu 1991, u residenti 4, Adonai, Triq, Triq Dom Mawru Inguanez, B'Kara detentur tal-karta ta' l-identita' 387191(M)

1. Billi huwa akkuzat talli nhar id-9 t'April 2011 ghall-habta tas-sebgha ta' filghodu (7am), gewwa Triq il-Wilga, San Giljan volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe hsara fuq vettura numru tar-registrazzjoni HAN 192 ghad-detriment ta'Rudolph Sollars, liema hsara ma tiskorriex

elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax – il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47)

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess amissjoni tieghu, il-Qorti issib lil-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’Malta u Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’Malta, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa netta tieghu, u l-fatt illi l-imputat hallas ghall-hsarat li wettaq qabel ma gew intavolati dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------